**MALTA**

# KAMRA TAD-DEPUTATI

## KUMITAT PERMANENTI GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI

*(Rapport Uffiċjali)*

**ID-DISA' PARLAMENT**

**Laqgħa Nru. 87**

**L-Erbgħa, 18 ta' Lulju, 2001**

**Stampat fl-Uffiċċju ta' l-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz Lm1**

**ID-DISA'  PARLAMENT**

**Laqgħa Nru. 87**

**L-Erbgħa, 18 ta' Lulju, 2001**

**Il-Kumitat iltaqa' fil-Palazz, il-Belt Valletta, fis-7.26 p.m.**

**Talba**

# MINUTI

*Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 86 li saret fl-17 ta' Lulju, 2001 kienu konfermati.*

## ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IS-SOĊJETAJIET KOPERATIVI

## *CO-OPERATIVE SOCIETIES BILL*

*Skond riżoluzzjoni tal-Kamra fis-Seduta Nru. 554 tat-18 ta' Ġunju, 2001 il-Kumitat iltaqa' biex jikkonsidra dan l-Abbozz ta' Liġi.*

*L-Onor. Anthony Abela, President tal-Kumitat, ippresjiedi.*

*(Ikompli mis-17 ta' Lulju, 2001)*

**Klawsola 12 –** Spezzjoni ta' kotba.

***Clause 12*** *– Inspection of books*

**THE CHAIRMAN:** Konna wasalna fi klawsola 12, il-Viċi Ministru.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Il-kummenti għaddejthom waqt li ressaqt l-emenda għall-klawsola 12. M'għandix iktar kummenti x'nagħmel għax naħseb li l-kontenut jispjega lilu nnifsu.

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija l-emenda "G". Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda "G" għaddiet nem. con.*

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija klawsola 12, kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 12, kif emendata, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 13 –** Inkjesti.

***Clause 13 –*** *Inquiries.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Klawsola 13 hija meħuda mill-artiklu 97 tal-Liġi ta' l-1978. Hemm varjazzjoni waħda biss meta mqabbla ma' l-artiklu relevanti, cioe` fejn qegħdin ngħidu:

> "*The Board may, on its own motion, if it deems that there are reasonable or sufficient grounds to do so, and shall, on the application of at least one-tenth of the members of a society, or on the application of not less than one-third of the members*".

Il-kliem "*on the application of not less than one-third of the members*" huma ġodda. Daħal kriterju ġdid biex dan l-artiklu jkun jista' jiġi mplimentat. Qabel dan l-artiklu kien hekk:

> "*The Corporate societies board may, on its own motion, and shall on the application of a majority of the members of the committee of management of the society, or if a majority of the members of the supervisory board of a society hold any inquiry etc.*"

Issa daħal il-kriterju li jrid ikun hemm applikazzjoni ta' mhux inqas minn terz tal-membri.

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija klawsola 13. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 13, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 14 –** Riżultat ta’ inkjesta jew spezzjoni.

***Clause 14 –** Result of inquiry or inspection.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Għandi emenda:

“H” Klawsola 14 għandha tiġi emendata kif ġej :

(1) Fis-subklawsola (1) tagħha:

(a) minflok il-kliem “xi inkjesta jew spezzjon li jsiru taħt dan l-Att” għandhom jidħlu l-kliem “xi inkjesta li ssir taħt dan l-Att”; u

(b) minflok il-kliem “il-Bord jista’ jiġbed” għandhom jidħlu l-kliem “il-Bord għandu jiġbed”.

(2) Fis-subklawsola (2) tagħha, minflok il-kliem “żvelati fl-inkjesta jew fl-ispezzjon.” għandhom jidħlu l-kliem “żvelati fl-inkjesta.”.

*“H” Clause 14 shall be amended as follows:*

*(1) In subclause (1) thereof:*

*(a) for the words “any inquiry or inspection made under this Act”, there shall be substituted the words “any inquiry made under this Act”; and*

*(b) for the words “the Board may bring”, there shall be substituted the words “the Board shall bring”;*

(2) *In subclause (2) thereof, for the words “disclosed in the inquiry or inspection.” there shall be substituted the words “disclosed in the inquiry.”.*

Din l-emenda hija neċessarja għaliex il-liġi titkellem fuq inkjesta u mhux fuq spezzjonijiet. L-artiklu huwa meħud mill-artiklu 99 tal-Liġi ta’ l-1978 pero` hemm ċertu varjazzjonijiet li ta’ min wieħed jiġbed l-attenzjoni tal-kumitat, partikolarment l-użu tal-kliem fil-verżjoni bl-Ingliż “*irregularities and/or mismanagement*”. Dawn ma kinux fil-liġi oriġinali. Niġbed ukoll l-attenzjoni għall-fatt li l-artiklu issa qiegħed jagħmel referenza għal soċjeta` terzjarja u għall-*APEX*, xi ħaġa li taħt il-liġi l-antika ma kinitx teżisti.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Meta jkun hemm inkjesta vis-à-vis koperativa, il-Bord li jkollu r-riżultat ta’ l-inkjesta għandu dejjem jiġbed l-attenzjoni ta’ l-*APEX*?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Fil-verżjoni bl-Ingliż qiegħda “*The board may bring such irregularities.*”, jiġifieri mhux obbligat li jinforma lill-*APEX* jekk tkun soċjeta` membru ta’ l-*APEX*. L-emenda, li hija proposta mill-koperativi, tobbliga lill-Bord li fejn ikun hemm inkjesta jiġi notifikat. Minflok il-kliem “il-Bord jista’ jiġbed” għandhom jidħlu l-kliem “il-Bord għandu jiġbed”. Dan ifisser li issa hemm obbligu min-naħa tal-Bord li jinnotifika lill-*APEX* jekk koperativa imsieħba miegħu tkun qed issir inkjesta fuqha.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Dan ifisser li meta l-Bord ikollu inkjesta jrid jinforma wkoll lill-*APEX*.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Ħalli nżid punt ieħor ma' dak li qal l-Onor. Farrugia. Jekk qiegħda nifhem tajjeb, fi kwalunkwe nkjesta li jista' jkun hemm, il-Bord se jkun marbut li jinforma lill-*APEX*, anke jekk dik il-koperativa partikolari m'hijiex ffiljata fl-*APEX*.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Le, trid tkun membru fl-*APEX*.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Trid tkun membru fl-*APEX* biex iqum l-obbligu tal-Bord li jinforma lill-*APEX*. Fil-każ ta' koperativi oħra, l-Bord m'għandux dan l-obbligu?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Le.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Xtaqt ftit iżjed spjegazzjoni fuq il-funzjoni tal-Bord f'dan il-qasam. Il-Bord huwa responsabbli li jirreġistra, jissorvelja u jeżerċita superviżjoni. Qiegħda nifhem li dan l-artiklu qiegħed jamplifika dan ir-rwol ta' sorveljanza u superviżjoni u jekk fhimt tajjeb, il-proċedura hija li jekk il-Bord ikun qiegħed jispezzjona u jsib xi ħaġa irregolari f'koperativa, tinfetaħ inkjesta u huwa l-Bord li se jkun responsabbli minn dik l-inkjesta fejn hu se jagħmilha ta' prosekutur u ta' ġudikant u mbagħad se jkun hemm il-livell ta' l-appell, li jidħol fiha l-Bord ta' l-appell. Il-Bord se jkollu wkoll funzjoni fil-livell ta' l-appell. Qiegħda ngħid dan biex nara jekk hux qiegħda nifhem sew. Nixtieq li din il-parti tiġi spjegata ftit aħjar, anke għall-finijiet ta' l-interpretazzjoni tal-liġi.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Qegħdin nitkellmu fuq inkjesta. Il-Bord ġie nnotifikat li jista' jkun hemm xi irregolaritajiet jew *mismanagement*. GĦalhekk il-Bord jista' jagħmel inkjesta. F'każ serju ħafna, f'artikli li ġejjin aktar 'il quddiem u hawn nagħmel referenza għall-artiklu 100, il-Bord għandu l-poter li jordna x-xoljiment tal-koperativa.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Il-Bord tal-koperativi fuq riżultat ta' l-inkjesta għandu l-poter li jiġġudika u jista' jxolji dik il-koperativa in kwestjoni. Il-Bord innifsu għandu r-responsabbilta` li jagħmel inkjesta. Dan ifisser li xi ħadd jiġbed l-attenzjoni tal-Bord li hemm xi ħaġa irregolari, jagħmel l-inkjesta, imbagħad jekk din l-inkjesta tirriżulta li hemm xi ħaġa irregolari u abbużiva jista' jieħu d-deċiżjoni li jxolji lil dik il-koperativa. Peress li l-Bord huwa r-reġistratur allura hu jista' jneħħi dik ir-reġistrazzjoni. Mela f'dan il-każ il-Bord iġġudika u ta sentenza.

Niġu issa għall-Bord ta' l-Appell. Dik il-koperativa li ġiet ordnata xxolji, se tappella mid-deċiżjoni tal-Bord u tmur quddiem il-Bord ta' l-appell. Il-Bord ta' l-appell se jerġa' jkun l-istess Bord?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Il-funzjoni li kellu l-Ministru taħt il-Liġi l-antika, jiġifieri li jkun l-arbitru finali fil-kwestjonijiet, spiċċat.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Jiġifieri min se jħossu aggravat lil min se jappella?

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Qabel il-pożizzjoni kienet li jekk xi ħadd ikun aggravat mid-deċiżjoni tal-Bord, imur għand il-Ministru. Għandek appell minn deċiżjoni tal-Bord. X'inhi l-pożizzjoni llum?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Il-Ministru m'għadux jifforma parti minn dik is-sitwazzjoni u allura l-kundizzjoni li kien hemm qabel li l-Ministru jkun qisu l-qorti ta' l-appell u li l-Ministru biss jista' jirreferi punti legali lill-qorti ta' l-appell m'għadhiex teżisti. GĦalhekk jekk id-deċiżjonijiet tal-Bord għal xi raġuni jew oħra jistgħu jiġu kkontestati legalment, jistgħu jiġu kkontestati fil-qrati normali.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Imma jrid ikun hemm referenza.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Mhux bilfors.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Għaliex le? Ejja ngħidu li xi ħadd jappella u l-qorti tgħidlu minn fejn ħareġ dan id-dritt?

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Ejja niddiskutuha aktar tard din il-ħaġa. Dan huwa punt relevanti imma naħseb li mhux taħt din il-klawsola imma taħt klawsola 19. Xtaqt nistaqsi lill-Ministru xi affarijiet. L-ewwel ħaġa naħseb li fil-*marginal note*, il-kelma "spezzjon" trid taqa' u trid issir emenda għaliex għadha tirriżulta "Riżultat ta' inkjesta jew spezzjon", mentri inti qiegħed tneħħi l-ispezzjon.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Nressaq emenda verbali:

Fin-nota marġinali ta' klawsola 14, il-kliem "jew spezzjon" għandu jitħassar.

*In the marginal note to clause 14, the words "or inspection" shall be deleted.*

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Fis-subklawsola (1) ta' klawsola 14 l-ewwel hemm miktub li "il-Bord għandu jiġbed l-attenzjoni tas-soċjeta`", imbagħad hemm miktub, u fl-opinjoni tiegħi hija ftit stramba, li jew jinforma lill-"organizzazzjoni *APEX* jew inkella l-Bord jista' joħroġ ordni ta' xoljiment". Dan ifisser li jekk jinfurmahom jista' ma joħroġx ordni ta' xoljiment allavolja jkun hemm l-irregolaritajiet. Kif inhi miktuba tista' toħloq xi problemi ta' interpretazzjoni.

L-intenzjoni wara s-subklawsola (2) ta' klawsola 14 hija li tagħti żmien lil dik is-soċjeta` li tirrimedja l-affarijiet, pero` hija miktuba b'ċertu mod li trid tasal għaliha *by inference* u mhux b'mod dirett. Dan għaliex il-klawsola tgħid li "il-Bord jista' jagħmel ordni li tkun tistipula lil dik is-soċjeta` jew xi uffiċjal jieħdu dik l-azzjoni li tista' tiġi speċifikata fl-ordni fil-perjodu hemm imsemmi sabiex jiġu rimedjati d-difetti.". Ladarba din il-klawsola qiegħda hemm biex tagħti ż-żmien lill-koperativi biex jirregolarizzaw ruħhom, allura naħseb li trid tinbidel u tiġi tfisser li l-Bord jista' jagħmel ordni biex il-koperativi jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom, jgħid x'iridu jirregolarizzaw u jagħtihom ukoll iż-żmien li fih għandhom jirregolarizzaw il-pożizzjoni. Issa x'se jiġri jekk dawn ma jirregolarizzawx ruħhom?

Ħalli niċċara dak li għadni kif għidt. Subklawsola (2) ta' klawsola 14 tgħid li l-Bord "jista' jagħmel ordni li tkun tistipula li dik is-soċjeta` jew xi uffiċjal jieħdu dik l-azzjoni li tista' tiġi speċifikata fl-ordni fil-perjodu hemm imsemmi.", jiġifieri *by inference* taf li l-perjodu ta' żmien huwa msemmi fl-ordni. Naħseb li ta' min jagħmilha ftit iktar ċara għaliex inkella l-importanza ta' din il-klawsola tkun qiegħda tintilef. Mela din il-klawsola qiegħda tgħid li se jkun hemm ordni lill-uffiċjal jew lill-bniedem, li jrid jingħata ż-żmien, imma mbagħad trid tgħid ukoll x'se jiġri jekk dawn ma jsegwux l-ordnijiet.

Mela subklawsola (1) qiegħda tgħid li l-Bord "jista' jinforma u jista' jagħmel l-ordni tax-xoljiment", imbagħad subklawsola (2) qiegħda terġa' tagħti poter ieħor lill-Bord li wara li jagħmel l-investigazzjoni, u allura wieħed jippreżumi li sempliċiment se jinformahom u mhux se jagħti ċertu ordnijiet li jridu jsiru fiż-żmien stipulat. Jekk jgħaddi ż-żmien u l-koperativa ma tesegwix l-ordnijiet, x'se jiġri? Naħseb li dawn irridu niddrittawhom xi ftit biex ikunu aktar ċari.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Is-subartiklu (2) huwa s-subartiklu eżistenti tal-liġi bid-differenza li daħlu l-kliem "*irregularities or acts of mismanagement*". Il-bqija baqa' l-istess. Naħseb li dak l-artiklu għalkemm forsi wieħed jista' jgħid li l-qofol tiegħu tieħdu *by inference,* xorta waħda huwa ċar. Meta tgħid "*within the time mentioned therein*", naħseb li hija ovvja li qiegħed jalludi għall-ordni.

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Għallinqas nagħmluha ftit iktar ċara u ngħidu x'jiġri jekk ma joqogħdux għall-ordni.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Din hija irregolarita` jew *mismanagement.* Jekk ma joqogħdux għall-ordni toħroġ *dissolution order.*

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Imma qiegħda miktuba b'mod li jekk il-Bord permezz ta' l-ewwel subklawsola jkun informa lill-koperativa, allura jkun uża r-rimedju.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Se nbiddel l-ewwel subklawsola għaliex naħseb li għandek raġun fuq dan il-punt. Nissuġerixxi li wara l-kelma "*or*" wara *APEX organisation* nagħmlu "*and*".

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Nixtieq nissuġerilek li tneħħi l-frażi "inkella l-Bord jista' joħroġ ordni ta' xoljiment" u ssir subklawsola (3) ġdida li tgħid: "Il-Bord għandu wkoll ir-rimedju li jordna x-xoljiment kif provdut fis-subklawsola (1) jekk ma jiġux segwiti l-ordnijiet tiegħu".

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Imma hekk tkun qiegħed tillimita l-funzjonijiet tal-Bord, għaliex jista' jkun hemm il-bżonn ta' miżuri temporanji li jistgħu jevitaw ix-xoljiment. Jista' jkun hemm kundizzjonijiet li jolqtu lill-ħaddiema, jista' jkun hemm perjodu ta' żmien li l-Bord ikun irid jagħti biex wieħed jipprova jsib soluzzjoni u jekk biċċa minn dik is-soluzzjoni tirnexxi, allura xorta xxolji u jekk tirnexxi kollha allura ma xxoljix. Ma ridtx nillimita t-toroq miftuħa li l-Bord jista' jkollu. Dan qiegħed ngħidu b'kunfidenza għaliex kelli sentejn u nofs esperjenzi ta' sitwazzjonijiet bħal dawn. Kif inhi, qiegħda tajba, pero` bir-riserva li trid tinbidel il-kelma "*or*" fil-verżjoni Ingliża.

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Qiegħed ngħid hekk biex il-Bord ikollu l-liberta` li jieħu deċiżjoni oħra wara li jkun ta l-ordnijiet. Kif qiegħda tfisser li ladarba tuża rimedju ma tistax terġa' tmur lura biex tuża rimedju ieħor. Jekk nagħtik ordni u int ma teżegwihiex *there is no going back*, għaliex issa r-rimedju sar. M'iniex ngħidlek biex tillimitaha imma biex tkopriha.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Għandi emenda verbali:

> Klawsola 14 għandha tiġi emendata kif ġej:
>
> (a) fis-subklawsola (1) tagħha, minflok il-kliem "jew inkella l-Bord jista' joħroġ" għandu jidħol il-kliem "u l-Bord jista' joħroġ"; u
>
> (b) fis-subklawsola (2) tagħha, minflok il-kliem "Il-Bord jista'" għandu jidħol il-kliem "Bla ħsara għall-provvedimenti tas-subartiklu (1) ta' dan l-artiklu, il-Bord jista'".
>
> *"Clause 14 shall be amended as follows:*
>
> *(a) in subclause (1) thereof, for the words "or the Board may issue" there shall be substituted the words "and the Board may issue"; and*
>
> *(b) in subclause (2) thereof, for the words "The Board may" there shall be substituted the words "Without prejudice to the provisions of subarticle (1) of this article, the Board may".*

**THE CHAIRMAN**: Il-mistoqsija hija l-ewwel emenda verbali. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*L-ewwel emenda verbali għaddiet nem. con.*

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija t-tieni emenda verbali. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*It-tieni emenda verbali għaddiet nem. con.*

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija l-emenda "H". Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda "H" għaddiet nem. con.*

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija klawsola 14, kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 14, kif emendata, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 15 –** Tqassim ta’ l-ispejjeż.

***Clause 15** – Apportionment of costs.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Għandi emenda:

“I” Minflok is-subklawsola (1) tal-klawsola 15 għandu jidħol dan li ġej:

“(1) Meta ssir inkjesta taħt l-artiklu 13, il-Bord jista’ jiddeċiedi li jaqsam l-ispejjeż ta’ l-inkjesta, jew dik il-parti minnhom li jista’ jqis hekk xierqa, bejn is-soċjeta`, il-membri, l-uffiċjali jew l-uffiċjali ta’ l-imgħoddi tas-soċjeta`.”.

*“I” For subclause (1) of clause 15, there shall be substituted the following:*

*“(1) Where an inquiry is held under article 13, the Board may make an award apportioning the costs of the inquiry, or such part thereof as it may think fit, between the society, the members, the officers or past officers of the society.”.*

Klawsola 15 hija meħuda mill-artiklu 100 tal-Liġi ta’ l-1978. F’dan l-artiklu kif jidher fl-abbozz ta’ liġi hemm żewġ żbalji. Qiegħda tintuża l-kelma “*inspection*” minflok “*inquiry*” u hemm ir-referenzi għall-artiklu 12 li għandhom ikunu għall-artiklu 13. L-emenda li ppreżentajt tikkoreġi dawn l-iżbalji, pero` l-bqija l-artiklu huwa preċiżament bħall-artiklu 100 tal-Liġi l-antika.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Meta nitrattaw l-appell minn dan il-Bord, irridu nagħtu kas il-fatt li jekk kemm-il darba l-appell idawwar id-deċiżjoni tal-Bord ovvjament il-kap ta’ l-ispejjeż se jdur ukoll. Ridt biss niġbed l-attenzjoni tal-kumitat fuq il-kwestjoni ta’ l-ispejjeż għaliex hawnhekk mhux qegħdin nitkellmu fuq Lm1 jew Lm10 imma jaf jitlagħlek kont ta’ Lm200 jekk mhux aktar.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Naħseb li aħjar il-proċedura ta’ l-appell nagħmlu riserva għaliha meta nerġgħu niġu għaliha aktar tard.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Din tista’ timpinġi fuq il-klawsoli li diga` approvajna?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Le, għadna f’dak li nsejħulu l-Prim’ Istanza.

**ONOR. MEMBRU:** Hemm kelma fl-artikolu 2 li ma tagħmilx sens.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Qiegħed tirreferi għall-kelma “inkluża”?

**ONOR. MEMBRU:** Iva.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Anke fil-verżjoni Ingliża hemm il-kelma “*included*”. Dik hija korretta għaliex qiegħda tagħmel referenza għall-artiklu 252 tal-Kodiċi ta’ l-Organizzazzjoni u l-Proċedura Ċivili li tagħti l-lista ta’ l-atti eżekuttivi u allura daqslikieku hija inkluża fil-lista ta’ l-artiklu 252.

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Il-kumment tiegħi huwa iktar fuq l-artiklu oriġinali milli fuq l-emenda. Għalfejn hemm il-kelma “jista’ jiddeċiedi”? Fuq liema *grounds* se jiddeċiedi jew ma jiddeċidix?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** "*May*" għaliex jista' jiddeċiedi li ma jkunx hemm *costs*. Dan għaliex il-Bord jista' jiddeċiedi li l-punt li tqajjem tant ikun interessanti u applikabbli għall-koperativi in ġenerali għaliex ikun ġie stabbilit prinċipju applikabbli għal kulħadd li għalkemm ikun daħal fi spejjeż il-Bord jeżentah milli jħallashom. Anke l-qorti għandha din il-fakulta`. Infatti ġieli jiġri li meta tingħata xi sentenza fuq xi punt ġdid tal-liġi, tiddikjara li l-ispejjeż ikunu bla taxxa, għax il-punt tant ikun interessanti li jiġu eżentati mill-ispejjeż. Għalhekk qiegħda "*the board may*", il-Bord jista' jgħid li l-ispejjeż ma jbatihom ħadd.

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija l-emenda "I". Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda "I" għaddiet nem. con.*

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija klawsola 15, kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 15, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 16 –** Poteri oħra tal-Bord.

***Clause 16 –*** *Other powers of the Board.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Għandi emenda:

"J" Minflok il-paragrafu (b) tal-klawsola 16 għandu jidħol dan li ġej:

"(b) jibgħat rappreżentant biex jattendi laqgħat ġenerali u straordinarji ta' xi soċjeta` meta jiġi mistieden jagħmel dan minn dik is-soċjeta`."

*"J" For paragraph (b) of clause 16, there shall be substituted the following:*

*"(b) send a representative to attend general and extraordinary meetings of a society upon the invitation of such society.".*

Din kienet a bone of contention għal snin twal. Il-Bord dejjem kellu d-dritt li jmur għal-laqgħat u anke jqabbad rappreżentanti tiegħu li jmorru bi dritt għal laqgħa ġenerali. Il-maġġor parti tal-koperativi kienu jieħdu pjaċir biha din, pero` ġieli qamu kwestjonijiet kbar u żgħar fuq il-preżenza tar-rappreżentanza tal-Bord hemmhekk. Ma kinitx ħaġa faċli li ssolvi dan il-punt, pero` finalment rebaħ l-argument li l-funzjoni tal-Bord hija waħda regolatorja u mhux strettament ta' awditur li jsegwi kull pass li jsir, imma li jara li l-liġi qiegħda tiġi osservata. Il-fatt li jkun hemm preżenza kontinwa u kostanti waqt il-laqgħa ġenerali li hija l-parti l-iktar kruċjali fil-ħajja ta' koperativa, fejn għandek il-parti demokratika li tiġi fl-aqwa tagħha, il-membri qegħdin jiltaqgħu, jivvutaw u jiddiskutu. Finalment il-Bord preżenti tal-koperativi aċċetta li jkun hemm din l-emenda u għalhekk irid ikun hemm stedina u l-Bord m'għadx għandu d-dritt li jattendi. Għalhekk qegħdin naċċettaw din l-emenda li l-APEX, għan-nom tal-koperativi, insistiet li għandha tidħol fil-liġi.

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija l-emenda "J". Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*L-emenda "J" għaddiet nem. con.*

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija klawsola 16, kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 16, kif emendata, għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-abbozz ta' Liġi*

**Klawsola 17 –** Pieni amministrattivi.

***Clause 17 –*** *Administrative penalties.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Klawsola 17 hija ġdida u ma teżistix fil-Liġi l-antika. Din il-klawsola tagħti poter lill-Bord biex jimponi penalitajiet amministrattivi f'każ li l-ordnijiet tiegħu ma jkunux qegħdin jiġu segwiti jew f'każ ta' ksur tal-liġi min-naħa ta' xi koperativa. Il-bżonn ta' artiklu bħal dan irriżulta għaliex mingħajr dan il-poter il-forza regolatorja tal-Bord ma jkollha l-ebda effett partikolari. Ma tistax tirrikorri biss għat-theddida ta' xoljiment imma jrid ikun hemm il-miżura qawwija li tikkonvinċi lill-koperativi biex jiffunzjonaw kif għandhom jiffunzjonaw skond il-liġi. Kien għalhekk li daħal dan l-artiklu.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Nifhem li jrid ikollok *grading* ta' kif il-Bord jippenalizza lill-koperativi u mhux ix-xoljiment tkun l-unika mezz biex tirregolahom. Li qiegħed jinkwetani huwa l-fatt li hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq multi ta' anke Lm1,000, apparti li dawn il-multi jistgħu jwasslu għal dejn ċivili jekk dawn ma jitħallsux. X'konsiderazzjonijiet se jittieħdu f'każijiet ta' soċjetajiet koperativi li minkejja li jippruvaw ikunu *commercially viable* huma aktar ta' natura soċjali, bħal per eżempju, l-*Eden*? Ma ninsewx li dawn m'għandhomx dawk il-flejjes biex iħallsu penalita` ta' Lm1,000. Jekk dawn ma jkollhomx minn fejn iħallsu se jispiċċaw iduru fuq l-individwi li hemm fil-koperativa. GĦalhekk filwaqt li nifhem il-bżonn li jkun hemm xi ħaġa oħra li sservi ta' dixxiplina, pero` min-naħa l-oħra naħseb li jridu jiġu rikonċiljati dawn iż-żewġ fatturi, għaliex huma fatturi reali.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Indipendentement jekk hijiex koperativa fil-qasam soċjali jew koperativa fil-qasam kummerċjali, il-liġi trid tiġi segwita. Il-punt tat-tluq huwa li l-Bord ikun wasal għall-konklużjoni li hemm ksur ta' l-artikli tal-liġi jew ta' xi regolamenti maħruġin taħtu jew ta' xi ordni leġittimament maħruġ mill-Bord. Il-multa tingħata biss jekk ikun hemm ksur tal-liġi, ksur tar-regolament jew ksur ta' xi ordnijiet maħruġa skond il-liġi. Ikun min ikun, bħalma l-liġi torbot lili, torbot lil kulħadd u naħseb li m'għandux ikun li jekk jiena nikser il-liġi nippretendi li ma nħallasx il-konsegwenzi. Naqbel miegħek li l-Bord għandu jieħu in konsiderazzjoni kollox, u għalhekk il-liġi hija miktuba b'tali mod u manjiera li hemm diskrezzjoni f'idejn il-Bord. Il-multa tista' tkun ta' Lm2, Lm5, Lm100 sa massimu ta' Lm1,000 u allura hemm id-diskrezzjoni tal-Bord li jara ċ-ċirkostanzi kollha. *For the record* irrid nirreġistra li l-liġi hija liġi, l-obbligi huma obbligi u jridu jiġi segwiti, inkella nkunu qegħdin ngħaddu l-liġijiet għal xejn.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** M'għandix dubju li l-liġi trid tiġi segwita u min jiksirha jrid iħallas il-konsegwenzi. Li rrid ngħid huwa li jekk timponi piena ta' flus fuq koperativa li attwalment ma tiflaħx tħallas, dan ifisser li tkun qiegħed ixxoljiha b'mod indirett. Ma tkunx użajt l-aħħar grad ta' piena, imma tkun qiegħed tuża xi ħaġa oħra li twassal għaliha. Naħseb li l-Bord irid ikollu dan il-ħsieb kontinwament għaddej.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Dan ma jkunx tort tal-multa. Jekk il-koperativa tkun spiċċat f'dik is-sitwazzjoni m'huwiex it-tort tal-multa imma t-tort tagħha għaliex ma tkunx għamlet dak li kellha tagħmel skond il-liġi.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Jekk ikollok persuna fdata, per eżempju, *manager* ta' koperativa li jkun abbuża u kiser il-liġi. Huwa minnu li hemm il-Bord tat-tmexxija u Bord tas-sorveljanza, imma jekk ikollok *mismanagement* minn xi ħadd li jkun fl-eżekuttiv tista' tfalli lill-koperativa. Dawn jiġru f'*limited liability companies* u allura jistgħu jiġru wkoll lill-koperativi. Dan ma jkunx tort tal-koperativa, għaliex il-koperativa hija l-membri kollha flimkien. GĦalhekk minħabba żball ta' wieħed se jeħel kulħadd?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Inti qiegħda tgħid li bniedem għandu jkollu s-sens komun li jara ċ-ċirkostanzi minn każ għall-ieħor.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Li ma tkunx miżura li twassal għal *the actual dissolvency* ta' koperativa.

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Il-liġi qiegħda tgħid li l-Bord jista' joħroġ din l-ordni ta' piena amministrattiva jew fuq is-soċjeta` jew fuq uffiċjal tagħha jew fuq l-awditur tas-soċjeta`. Ħaġa li ma naqbilx magħha hija li fis-subartiklu għandek id-dritt ta' appell mill-istess bord. Dan ifisser li l-Bord l-ewwel jiddeċiedi li joħroġ din il-piena amministrattiva, imbagħad l-individwu se jkollu dritt ta' appell quddiem l-istess Bord. Naħseb li din hija ftit bla sens għaliex il-Bord ikun diġa` ħa d-deċiżjoni tiegħu.

**ONOR. KARL CHIRCOP:** L-argument tiegħi jorbot ma' dan li qiegħed jgħid l-Onor. Mifsud Bonnici. Għall-argument, kien hemm *mismanagement* mill-*manager* jew xi ħadd mill-koperattiva u l-Bord iddeċieda li jwaħħal il-multa. Naturalment, hemm dawk l-20 ġurnata ċans biex min hu involut fil-*mismanagement* ikun jista' jressaq l-ilmenti tiegħu. Appena dawk l-ilmenti jitressqu, *from that point onwards* x'se jiġri? Il-Bord kemm se jieħu żmien biex jerġa' jiddeċiedi?

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Din qisha proċedura mhux kompluta. X' se jiġri wara dawk l-20 ġurnata li jressaq l-ilment ma nafux. Se jerġa' jkun l-istess Bord li se jiddeċiedi?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Dik hija l-funzjoni tal-Bord.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Il-Bord se jagħmel kollox?

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Ladarba l-Bord jiddeċiedi, id-deċiżjoni se tkun finali?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Iva. Il-liġi qiegħda tgħid hekk: "qabel ma tiġi mposta l-piena". Mela f'dak l-istadju l-Bord ikun għadu ma mponiex il-multa amministrattiva. Dan ifisser li l-Bord ikun avża lill-individwu li hemm ksur u li jkun irid jirregola s-sitwazzjoni. Il-liġi qiegħda tagħti l-fakulta` lill-individwu li jidher quddiem il-Bord u jispjega l-pożizzjoni tiegħu. *At that point*, il-Bord jista' jiddeċieda li l-ordni sseħħ xorta waħda u allura jkollu d-dritt li jiġbor il-multa mposta jew jekk ikun sema' l-ġustifikazzjoni mingħand l-individwu jwaqqaf il-proċess.

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Hawnhekk qegħdin ngħidu li l-individwu *is given a second chance*.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** U mill-istess korp ġuridiku!

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Kif qiegħda miktuba l-liġi tfisser li d-deċiżjoni tkun diġa` ttieħdet. Allura għalfejn ma tagħtihx ir-rimedju, li almenu quddiem il-Bord tagħtih iċ-ċans li jressaq il-każ tiegħu, imbagħad id-deċiżjoni tittieħed wara.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Hekk qiegħda**.**

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Le, *before the penalty is imposed but a decision has already been taken.* Mhux imposta imma diġa` deċiża.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Le, jien ma nifhimhiex hekk, għaliex allura m'għandniex għalfejn nagħtuh l-20 ġurnata. L-iskop huwa biex il-Bord jisma' l-verżjoni ta' l-individwu u jekk l-individwu jirriżulta li għandu raġun jagħtih ir-raġun u l-piena ma tiġix imposta.

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Allura aħjar niċċaraw dan il-ħsieb, għaliex m'huwiex ċar.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** X'se jisma' dan? Mela mhux diġa` tkun ittieħdet id-deċiżjoni?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Għalija hija ċara.

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Qabel jieħu d-deċiżjoni tal-piena, jisimgħu u jagħtih ċans iressaq l-ilment tiegħu.

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Dan ifisser li l-individwu se jressaq l-ilmenti biex imbagħad il-Bord jirrevoka d-deċiżjoni tiegħu oriġinali, jew inkella tiġi aġġustata l-piena?
**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Dak ma ssejjaħlux rimedju. Rimedju meta qiegħed titlob l-istess persuni li jiġġudikawk u ssentenzjawk?!

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** M'iniex qiegħed nifhem id-diffikulta`.

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Kif inhi qiegħda, il-Bord jista' joħroġ ordni bil-miktub li tkun timponi piena amministrattiva. Qabel ma tiġi mposta l-piena, il-Bord ikun diġa` ddeċieda l-piena x'inhi.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Dan huwa proċess bħal tal-ġuri. Il-Bord diġa` jkun sabu ħati, imbagħad wieħed irid jiddeċiedi fuq is-sentenza.

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Allura għalfejn lill-koperativa ma tagħtihiex il-fakulta` li, qabel ma l-Bord jidħol fil-proċedura taħt l-artiklu 17 u jagħti l-piena amministrattiva, hija tressaq il-pożizzjoni tagħha rigward il-piena amministrattiva. Il-*proviso* ma jgħidx "iżda qabel ma tiġi mposta l-piena" imma jgħid "iżda l-Bord għandu jagħti 20 ġurnata żmien lil persuna l-oħra qabel jiddeċiedi fuq il-piena amministrattiva". Tagħtik l-impressjoni li l-ewwel il-Bord jieħu d-deċiżjoni, imbagħad il-koperativa għandha 20 ġurnata biex terġa' tiktbilhom biex jerġgħu jirrevedu d-deċiżjoni.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** L-artiklu 17 jgħid, "*The board may issue an order in writing imposing administrative penalties*". Ħareġ l-ordni u sab li l-individwu kiser il-liġi. Imbagħad ikompli, "*…in the event of any breach of the provision of this Act*". Mela l-Bord diġa` sab li hemm ksur ta' l-artikli tal-liġi jew tar-regolamenti jew ta' ordni legalment maħruġ skond il-liġi mill-Bord. Il-Bord diġa` nvestiga, wasal għall-konklużjoni u sab li jeżisti l-ksur. Hawnhekk ikun stabbilixxa l-ħtija. F'dan l-istadju l-liġi qiegħda tagħti l-opportunita` lill-individwu li jidher quddiem il-Bord u jitratta mal-Bord fuq il-piena. Per eżempju, veru li kiser il-liġi, imma minflok Lm1,000 għandu jeħel Lm 500 għax għandu dawn l-argumenti u l-ġustifikazzjonijiet. Veru li teknikament kiser il-liġi imma m'għandux tort għax kien dak l-impjegat li lagħbu u ma kienx jaf. Il-Bord f'dak l-istadju jistabbilixxi li hemm il-ksur tal-liġi pero` taħt iċ-ċirkustanza l-multa se tkun nominali Lm1. Inkella l-Bord jista' ma jaċċettax l-ispjegazzjoni tal-persuna u jagħti l-massimu tal-piena li hija Lm1,000. Bir-rispett kollu, jista' jkun li l-ksur ikun serjissimu. Din hija limitata għal Lm1,000 għaliex hija piena amministrattiva pero` jista' jkun hemm ksur li jġib danni kbar.

L-artiklu qiegħed jistabbilixxi li l-Bord qabel ma jitkellem fuq il-piena, skond is-subartiklu (1), irid ikun wasal għall-konklużjoni li hemm ksur ta' l-artikli tal-liġi jew ksur ta' regolamenti jew ksur ta' ordni.

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Minflok nistgħu ngħidu li l-Bord qabel ma jibda jikkunsidra din il-piena jrid jagħtih dan iż-żmien ta' 20 ġurnata biex iressaq il-każ tiegħu. Li qiegħed nissuġerixxi huwa li tagħmel "iżda qabel ma tibda din il-proċedura taħt l-artiklu 17(1) għandu jingħata 20 ġurnata żmien biex iressaq l-ilment tiegħu quddiem il-Bord".

Ħaġ'oħra li rrid ngħid hija li lill-koperativa qiegħed tgħidilha biex tikteb l-ilmenti u mhux biex tkun preżenti quddiem il-Bord. "Iressaq l-ilment tiegħu quddiem il-Bord" tfisser li fi żmien 20 ġurnata trid tikteb ittra biex tinforma lill-Bord.

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Lanqas dik m'hija ċara.

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Kull darba li jkolli xi każ hekk, nikteb lin-nies u ngħidilhom li dan huwa l-ilment tal-klijenti tiegħi u nippretendi li nkun preżenti għalih jien ukoll.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Din il-klawsola fit-*text* Malti tgħid hekk: "ikollu l-opportunita` li jressaq l-ilmenti tiegħu quddiem il-Bord". Rigward il-forma ta' kif jitressaq l-ilment, il-liġi ma tgħidx jekk huwiex bil-kitba jew le.

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Fl-opinjoni tiegħi, il-Bord għandu jiltaqa' fi żmien 20 ġurnata biex jisma' l-ilmenti u b'hekk tagħti l-fakulta` lil min qiegħed jagħmel l-ilment li jikteb jew jidher jew jikteb u jidher.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Imma jien qiegħed inġib quddiem għajnejja xi ħadd li kiser il-liġi b'mod flagranti.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Dik m'hijiex raġuni valida għaliex kullħadd għandu d-dritt għall-*fair hearing* u għall-*fair justice*. Il-preżunzjoni hija li bniedem huwa innoċenti sakemm jiġi ppruvat ħati. Kif inhi l-proċedura ma tirriflettix trasparenza u ġustizzja.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Ma naqbilx magħkom għal din ir-raġuni. Din hija proċedura stabbilita fil-proċessi kollha. Il-maġistrat l-ewwel ħaġa li se jiddeċiedi hija jekk l-akkużat huwiex ħati jew le, imbagħad iwaħħallu l-piena. Fil-proċedura normali l-ewwel trid tistabbilixxi jekk hemmx ħtija jew le imbagħad tiġi għat-tieni fażi li hija l-piena. Dan l-artiklu qiegħed jitkellem fuq il-piena, *administrative penalty*, qiegħed jippreżumi li nstabet il-ħtija. Hawnhekk lill-Bord qegħdin ngħidulu li minflok iwaħħal il-piena u jmexxi, irid jagħti opportunita` lill-individwu biex jispjega l-pożizzjoni tiegħu.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Naħseb li m'intix tifhem il-punt li qiegħda nagħmel jien. Lill-individwu trid tagħtih ċans jinstema' qabel il-Bord jiddeċiedi huwiex ħati. Safejn naf jien il-qrati hekk jagħmlu. Sakemm il-qorti tasal biex tgħidlu ħati, l-ewwel trid tisimgħu. Hawn qegħdin ngħidu li l-Bord jista' jiddeċiedi jekk l-akkużat huwiex ħati jew le mingħajr ma jisimgħu.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** GĦandi dawn l-osservazzjonijiet fuq dan l-artiklu. L-Onor. Mifsud Bonnici laqathom imma aħjar niċċarahom. Din hija proċedura differenti minn dik applikata fil-qorti. L-ewwel punt li xtaqt ngħid huwa li hawn m'aħniex nitkellmu fuq kawża kriminali jew ċivili imma fuq kwestjoni amministrattiva. Jekk nieħdu l-artiklu 3 nsibu li l-Bord jista' jħarrek jew jiġi mħarrek u jekk persuna ma dehritx quddiemu jista' jagħtiha piena amministrattiva.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Biex dan ikun jista' jsir il-Bord irid ikun f'pożizzjoni li jikkwota regolamenti. Dik trid toħroġ *legal notice* għaliha.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Il-proċedura fi ftit kliem hija hekk. Wara li l-Bord jiddeċiedi li l-koperativa hija ħatja ta' ksur tal-liġi, jagħti 20 ġurnata ċans lill-istess koperativa biex tressaq l-ilmenti u titratta dwar kemm se jkun l-ammont tal-piena amministrattiva. Wara dan kollu l-Bord jiddeċiedi dwar it-tqassim ta' l-ispejjeż. Ladarba persuna nstabet ħatja u fi żmien 20 ġurnata hija kostretta li titratta l-piena amministrattiva quddiem il-Bord, allura lanqas għandha għalfejn tirrikorri għall-appell. Qiegħed ngħid hekk għaliex fi proċedura normali jekk koperativa tinstab ħatja imma ma taqbilx mad-deċiżjoni tal-Bord, tkun tista' tirrikorri għall-appell u l-ewwel sentenza tiġi sospiża. Hawnhekk m'għandniex il-proċedura tas-sospensjoni, allura lanqas hemm għalfejn tappella għaliex il-piena xorta se jkollok tħallasha. F'kawża ċivili, l-imħallef jgħid li l-konvenut, ladarba nstab ħati, irid iħallas l-ispejjeż ta' l-attur. Jekk il-konvenut ma jaqbilx mad-deċiżjoni, jagħmel appell u s-sentenza tal-Prim'Awla tiġi sospiża sakemm ikun hemm id-deċiżjoni ta' l-appell.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Tinsiex li l-forma ta' l-appell jista' jkun anke rikors fil-qorti normali fejn tikkontesta d-deċiżjoni tal-Bord.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Imma jien xorta waħda nkun ħallast kollox. Kellna l-istess kwestjoni meta konna qegħdin ngħaddu l-Att dwar ix-Xandir. Niftakar kien tqajjem il-punt li meta l-Awtorita` tax-Xandir tieħu deċiżjoni fil-konfront ta' stazzjon, l-istess stazzjon għandu dritt għall-appell. Pero` sakemm jiġi deċiż l-appell, is-sentenza xorta tkun *enforceable*. Dan kien punt li jmur kontra kull prinċipju, imma

għal xi raġunijiet u biex ma ma jkunx hemm aktar dewmien kienu ddeċidew li jsir hekk. Fil-każ tal-koperativi ma naħsibx li huwa importantissimu li d-deċiżjoni tittieħed fl-iqsar żmien possibli.

Naħseb li fl-artiklu 17 irridu ngħidu li f'każ li jkun hemm appell il-piena tiġi sospiża. Qabel dan irridu naraw hux vera se jkun hemm appell, għaliex s'issa m'għandna xejn konkret u għadni ma nafx eżatt kif se tiżviluppa din.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Għalhekk ħadt nota tagħha.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Fil-każ din il-klawsola tiġi posposta.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Ma nafx għandniex niposponu dan l-artiklu partikolari, għaliex l-*issue* ta' l-appell għad irridu niddiskutuh.

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Ħalli ngħidlek għaliex għandek tissospendih għaliex jekk se jkun hemm appell irid ikun hemm bilfors klawsola li tgħid li f'każ li hemm appell, kollox jiġi pospost.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, *Mr. Chairman*, nitlob li l-artiklu 17 jiġi pospost.

**THE CHAIRMAN:** Hawn permess biex klawsola 17 tiġi posposta? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

*Il-Kumitat qabel li din il-klawsola tiġi posposta.*

**Klawsola 18 –** Użu tal-kelma "Koperativa".

***Clause 18 –*** *Use of the word "Co-operative".*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Klawsola 18 titkellem fuq l-użu tal-kelma "Koperativa" li hija meħuda mill-artiklu 115 tal-Liġi ta' l-1978. L-unika varjazzjoni hija li żdiedet il-multa għall-massimu ta' Lm200 jekk xi ħadd juża l-kelma "Koperativa". Jidhirli li qabel kienet Lm100 u l-piena ta' Lm10 multa qabel kienet ta' Lm5.

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hija klawsola 18. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? *Agreed.*

*Klawsola 18 għaddiet nem. con. u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 19** – Abbuż ta' awtorita` jew ksur ta' fiduċja.

***Clause 19 –*** *Abuse of authority or breach of trust.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Għandi emenda:

"K" Is-subklawsola (5) tal-klawsola 19 għandha titħassar.

*"K" Subclause (5) of clause 19 shall be deleted.*

Din il-klawsola hija meħuda mill-artiklu 108 tal-Liġi ta' l-1978 bid-differenza li hawnhekk qegħdin inneħħu l-funzjoni tal-Ministru u se tgħaddi f'idejn il-Bord. Il-Ministru m'għadx għandu l-irwol fil-proċess tad-deċiżjonijiet ta' l-ilmenti jew disputi li jqumu fil-kwestjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-koperattivi.

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Hawnhekk ukoll se jqum l-argument tad-dritt ta' l-appell. Il-persuna kkonċernata ladarba mhux se jkollha dritt tappella lill-Ministru, għallinqas se jkollha d-dritt li tappella lill-Bord?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Le, dawn huma deċiżjonijiet tal-Bord. Taħt il-Liġi l-antika, wara d-deċiżjoni tal-Bord, il-koperativa jew il-membru seta' jirreferi l-każ lill-Ministru. Din kienet sitwazzjoni mill-iktar redikoli, bir-rispett kollu lejn il-kunċetti li kienu ġew stabbiliti fl-1978. Il-fatt li l-Ministru jkun l-arbitru finali tad- deċiżjonijiet, bħal per eżempju, membru naqas li jħallas il-parti tiegħu lill-fond tal-koperativa nnifisha jew ma segwiex proċedura ta' kif annimal jintbagħat għall-qatla u dawn il-kwestjonijiet kollha, jitfgħuh f'pożizzjoni ta' pressjonijiet minn kullimkien biex jiddeċiedi mod u mhux ieħor.

Sal-lum il-liġi kienet tgħid li kull deċiżjoni tal-Bord setgħet tiġi referita lill-Ministru. Jien insistejt ħafna li l-Ministru m'għandux jitħalla jaqdi din il-funzjoni. Dan is-subartiklu lanqas imissu deher fl-abbozz oriġinali, imma ħareġ fl-abbozz oriġinali bi żball.

Għalhekk qegħdin ngħidu li dawn huma d-deċiżjonijiet finali tal-Bord. Qegħdin inneħħu proċess li qabel il-parti li tkun tilfet il-kwestjoni setgħet tirreferi għand il-Ministru. Il-biċċa l-kbira tal-kwestjonijiet kienu jkunu kwestjonijiet bejn il-membri.

**ONOR. KARL CHIRCOP:** Forsi ma fhimtnix. Jien naqbel mal-fatt li tneħħiet id-deċiżjoni ultima tal-Ministru, imma min-naħa l-oħra f'dan l-artiklu m'hawnx stipulat id-dritt ta' l-appell ta' l-individwu.

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Naħseb li issa qegħdin ngħidu li kwalunkwe disputa se tidħol direttament il-Qorti. Allura ikollok tagħmel kawża biex tipprova twaqqaf l-ordni tal-Bord.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Jimpurta niskuża ruħi għal ħames minuti?

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA:** Rigward din il-kwistjoni ta' l-appell, naħseb li aħjar li tiġi sospiża għax fuq l-oħrajn nistgħu nimxu.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Fil-każ nerġa' nikkonsulta mal-bord ta' l-*APEX* ħa nara x'inhi eżatt din u nitkellmu fuqha meta nerġgħu niltaqgħu u niddiskuttu dan is-suġġett. Nipproponi li din il-klawsola tiġi posposta.

**THE CHAIRMAN:** Hawn qbil li klawsola 19 tiġi posposta? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

*Il-Kumitat qabel li din il-klawsola tiġi posposta.*

**Klawsola 20** – Nuqqas ta' twettiq ta' drittijiet.

***Clause 20** – Non-performance of duties.*

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Sur President, nipproponi din l-emenda:

"L" Minflok is-subklawsola (3) tal-klawsola 20 għandu jidħol dan li ġej :

"(3) Il-persuni maħturin taħt is-subartikolu (1)(b) għandhom, qabel id-data meta l-ħatra tagħhom tintemm, jgħarrfu lill-membri tas-soċjeta` bir-raġunijiet li jwasslu għall-eżerċizzju tal-poteri taħt dan l-artikolu, u jagħmlu arranġamenti għall-elezzjoni ta' kumitat ta' ġestjoni ġdid skond l-istatut tas-soċjeta`.".

*"L" For subclause (3) of clause 20, there shall be substituted the following:*

*“(3) The persons appointed under sub article (1)(b) shall, prior to the date on which their appointment ceases to have effect, inform the members of the society of the reasons leading to the exercise of the powers under this article, and arrange for the election of a new committee of management in accordance with the statute of the society.”.*

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hi emenda “L”. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra. *Agreed*

*L-Emenda "L" għaddiet nem. con..*

**THE CHAIRMAN:** Il-mistoqsija hi klawsola 20 kif emendata. Dawk favur (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra. *Agreed*

*Klawsola 20, kif emendata, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**THE CHAIRMAN:** Il-kumitat hu aġġornat għal nhar it-Tlieta, 24 ta’ Lulju 2001.

*Fit-8.53 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.*